20 ta' Lulju, 1951.
Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.
Il-Pulizija *versus* Mabbli Gauci

**Piena — Diskrezzjoni tal-Qorti — Appell.**

*Id-diskrezzjoni tal-Qorti fl-applikazzjoni tal-piena ma għandhiex tiġi disturbata ħlief meta jkun hemm żball fil-kwantità jew fil-kwalità tagħha, jew meta tkun manifestament eċċessiva u sproporzjonata, tant li tkun inġustizzja jekk ma tiġix mibdula.*

Il-Qorti, — Rat l-akkuża tal-Pulizija Eżekutiva kontra Mabbli Gauci talli f'Ħaż-Żebbuġ, fis-26 ta' Mejju 1951, f'xi l-5.20 p.m. u f'xid-9.45 p.m., tkellem faħxi fid-dar tiegħu b'mod u manjera li jista' jinstama' minn barra;

Rat s-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1951 mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, li biha l-imsemmi Mabbli Gauci ġie misjub ħati u kundannat għall-piena ta' ħmistax-il ġurnata detenzjoni;

Rat ir-rikors li bih l-istess Mabbli Gauci interpona appell kontra dik is-sentenza, għar-riforma tagħha, billi titbiddel il-kwalità tal-piena, u minflok dik inflitta tiġi mogħtija piena pekunjarja minflok dik ta' priġunerija;

Semgħet id-difensur ta' l-akkużat u l-Avukat tal-Kuruna Dr. Maurice Caruana Curran;

Ikkunsidrat;

Illi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena ma għandhiex tiġi disturbata ħlief meta jkun hemm żball fil-kwantità jew fil-kwalità tagħha, jew meta tkun mani-

festament *eċċessiva u sproporzjonata*, tant li tkun inġustizzja jekk ma tiġix mibdula;

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ in ispeċje la hemm żball fil-kwalità u lanqas fil-kwantità tal-piena; u lanqas ma jista' jingħad li l-piena hija eċċessiva jew sproporzjonata, meta wieħed jikkunsidra illi l-appellant ġà weħel disa' darbiet oħra għall-istess reat;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.